# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR171858, Press Release Issue Date: Aug 08, 2017

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika jinforma lill-pubbliku li wara informazzjoni li rċieva dan id-direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (Rapid Alert System for Food and Feed), il-prodott imsemmi m'għandux jiġi kkunsmat minħabba li nstab li fih livelli għoljin ta' ċjanur (*cyanide*).

Iċ-ċjanur (*cyanide*) jifforma wara reazzjoni mal-kimika *Amygdalin* li tinstab b'mod naturali fil-qlub ta' frott bħall-berquq u bħall-*papaya*, fil-lewż u fil-pjanti bħall-fażola ta' lima, xnien/silla u *sorghum*. Konsum għoli ta' dawn il-prodotti jista' jwassal għal tossiċità.

**Deskrizzjoni tal-prodott:** Qlub tal-berquq ħelwin
**Ditta:** Morgenland
**Użin:** 250g
**Numri tal-lott u dati tad-durabilità:** L162030 / 18-09-2017
L161948 / 13-09-2017
L162785 / 08-12-2017
L162786 / 08-01-2018
L170875 / 08-04-2018
L171781 / 07-07-2018
**Oriġini:** Pakistan

Il-kumpanija involuta ddikjarat li parti mill-konsenja laħqet inbiegħet għaldaqstant id-Direttorat hu obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.

Għal aktar informazzjoni l-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq in-numru tat-telefon 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat *email* fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess direttorat li jinsab f'Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku hu ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq http://health.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx għal informazzjoni simili.